# X'IGĦIDU L-GĦARAB FUQ MALTA

Il-Maltin ta' gżiritna, naħseb, ftit jew xejn jafu li l-isem ta' Malta m'hix ħaġa kbira fi lsien il-Għarab. F'din it-teftifa, kont ridt ngħidilkom xi żewġ ġrajjiet, minnhom jew le, ma nafx, fuq Malta, li jgħiduhom il-Għarab tal-Palestina, u nbagħad xi qawl jew tnejn li jgħiduhom ukoll huma fuq artna. Nibdew, kif għedna, mill-ġrajja; u ngħid ukoll kif smajtha.

Mela, nhar Sibt-il-Għid li għadda, kont qiegħed Ġerusalemm, fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu. Rani hemm Jagħkub, li meta kien tifel kont ngħallmu l-ingliż, u qalli biex qabel ma nitlaq ngħaddi għandhom. Minn nkejja fija kelli mmur, biex jewilla ma jagħmillix il-geddum, u kif kont qiegħed bil-qegħda għandhom, il-kliem waqa' fuq Malta.

Jagħkub kien qiegħed ifisser lil ommu li nies Malta huma nisel il-Fenikin, meta hi qabżet qalet "Ġiddti kienet tgħid li l-Maltin imnisslin minn nies li dari kienu jgħixu n-naħa ta' Betlehem." Tlabtha tgħidli kollox kif kienet qaltilha Ġiddta, u Warda, omm Jagħkub bdiet hekk:

"In-naħa ta' Betlehem, hemm għar kbir, u kif igħidu, għax jien ma rajtux, għad hemm miktub fuq il-bieb tiegħu dawn il-kelmiet: 'Aħna mlejna dan il-għar bi żbib iswed, imma intom anqas timlwh bit-tiben.' In-nies li kitbu dawn il-kelmiet kienu jgħixu bħall-Għarab, jiġifieri jgħammru f'għarejjex tax-xagħar, u jaħtru wieħed fosthom, li jarawh l-aktar għaqli, jaħkem fuqhom, li jsemmuh ix-'Xiħ' tagħhom. Kienu jirgħu l-għanem.

"Mela, darba waħda, dawn ir-ragħajja semgħu li ġejjin in-naħa tagħhom nies barranin, qattiela; għalhekk, marru għand ix-Xiħ biex jaraw x'igħidilhom jagħmlu, jekk jħejjux ruħhom biex jitqagħbdu mal-għorba, jew jiftiehmu magħhom. Ir-ragħajja kienu maqsumin fil-fehma; u għalhekk ix-Xiħ, ma riedx iżomm u la ma' dawn u la ma' dawk. Qalilhom: 'Għada fil-għodu tiġu u ntikom it-tweġiba. Ħalluni naħsibha ftit, tul il-lejl.'

"Il-għada filgħodu, malli sebaħ, marru għandu biex jaraw x'ser igħidilhom, imma baqgħu mgħaġġbin x'ħin id-dar tax-Xiħ, u la sabu lilu, u anqas lil ħadd minn għajltu. Stagħġbu l-aktar għax dejjem kienu jafuh b'raġel ta' kelmtu,

u ma setgħux jifhmu kif dik id-darba naqas minnha għal kollox.

"Wieħed mir-ragħajja, imma, għajnejh waqgħu fuq 'sell', (bħal bixkilla watja, bla għalaq) maqlub wiċċu l-isfel, f'nofs il-għarix. Resaq lejh u refgħu. Taħt is-sell kien hemm żewġ ħamimiet, waħda ġwenħajha mqassqsin, u l-oħra le. Il-ħamiema li ġwenħajha sħaħ, taret u għebet; l-oħra bdiet tiġri u ddur, u fl-aħħar staħbiet. Ir-ragħajja baqgħu jħarsu bla ma jifhmu x'ried ifisser ix-Xiħ biż-żewġ ħamimiet. Fl-aħħar wieħed minnhom qal: 'Fhimt x'irid igħid ix-Xiħ bil-ħamiem: Min jista' jaħrab, jaħrab, min ma jistax jaħrab, jistaħba!'

"Ħarsu lejn xulxin mistagħġbin bil-ħila u l-għaqal tax-Xiħ. Ma kienx hemm għal fejn jitħassbu li t-tifsira kienet minnha. Għalhekk ħadu l-meħtieġ, saqu għanemhom u mxew lejn il-Għarb. Imma wara ftit semgħu li hemm ukoll kienu ġejjin il-barranin, għalhekk biegħu l-imrieħel, u billi ma setgħux imorru u la fis-Surija anqas fil-Masr, għax kull imkien kien miżgħud bil-barranin, krew mirkeb li kien marbut Ġoffa u rħewlha għal Malta, u għammru fiha, u l-Maltin tal-lum imnisslin minnhom."

Din hi mela l-ġrajja, jew "qossa" kif igħidu bil-għarbi, ta' Warda, omm Jagħkub, u jien minn għalija xejn ma nistagħġeb jekk għad jaħsel jinkixef il-quddiem li fiha xi ħaġa minnha. Ingħid għaliex.

F'xi ktieb li kien kiteb Patri Manwel Magri (Alla jatih il-Ġenna) kont qrajt darba, snin ilu, fi tfuliti, li hu sama' nies igħidu f'Malta li aħna mnisslin mir-ragħajja ta'Betlehem. Issa la darba nies f'Malta, li qatt ma marru Betlehem, igħidu ħaġa, u nies f'Betlehem (għax insejt ngħidilkom li Warda minn Betlehem) li qatt ma ġew Malta, igħidu l-ħaġa nfisha, għandha tkun saret tassew, għax dawn in-nies ma setgħux jitgħallmuha minn xulxin, la darba qatt ma raw lil xulxin.

In-nies il-barranin li kienu ġejjin, u li r-ragħajja ħarbu minnhom, jistgħu jkunu l-ġlejjeb tal-Faras (persjani) li ġew mar-rajjes tagħhom Kosra fis-sena 614 W. K. u ħarbtu bliet sħaħ fil-Palestina. Il-ġrajja l-minnha, mela, setgħet kienet hekk: meta daħlu l-Faras fil-Palestina, xi ragħajja min-naħiet ta' Betlehem, insara (għax dak iż-żmien fil-Palestina n-nies qiesha kienet kollha nisranija), ħarbu minnhom. Dak iż-żmien Malta kienet iżjed magħrufa mil-lum, fl-artijiet tax-xerq, billi hemm u hawn kienet ħakmet Ruma mijiet ta' snin, u gżiritna tinsab fi trieq it-tbaħħir bejn l-Italja u l-Palestina. Għalhekk ukoll dawk in-nies ma rawhiex bi kbira jerħulha

għal Malta, li kienet nisranija bħalhom u titkellem ilsien jixbaħ lil tagħhom.

* * *

Issa għal xi żewġt iqwiel.

Fil-Palestina meta wieħed ikun irid jagħmel xi ħaġa tqila li ma jistax għaliha, igħidulu: "Trid itqim id-din minn Malta?" Il-qawl tifhmuh għax qisu bil-malti, barra minn "tqim" li tfisser: tneħħi.

Dan il-qawl: "Tneħħi d-din minn Malta", għandu l-ġrajja tiegħu, li jien smajtha darbtejn; darba qalhieli wieħed minn Ramallah, u darb'oħra qalhieli wieħed qassis minn Ġerusalemm, b'xi ftit tat-tibdil. Ara kif inhi:

Mela darba waħda ġew Malta żewġ misilmin, u ġara li sabu ruħhom f'raħal fejn kienet iddur il-ġilwa tat-Tqarbin, nhar Santu Korp. Meta qorob il-qassis bit-Tqarbin f'idejh, in-nies kollha niżlet għar-rkubtejha, imma ż-żewġ misilmin baqgħu bil-wieqfa. "Ej", qaltilhom in-nies, "oqogħdu għar-rkubtejkhom! ma tarawhx għaddej Iben Alla?" Wieħed mill-misilmin kif ra l-qiegħa sħajna, qagħad għarrkubtejh, imma l-ieħor m'hux talli ma qagħadx, imma minn fuq ried iħaqqaqha magħhom: "Jewilla Alla miżżewweġ? Kif mela tgħidu li għandu iben?"

Qamu tlieta jew erbgħa, tawh daqtejn kif imiss, u qegħduh għarrkubtejh minnkejja fih. "Jewilla, ġifa bħalek, trid tneħħi d-din minn Malta?" qalulu. U hekk, m'hux biss qagħad għarrkubtejh, imma minn fuq, qala' xebgħa.

* * *

Minn qawl ieħor li se' nġib issa, jidher li l-Għarab tal-Palestina jaħsbu li Malta hi l-aktar art imbegħda, u li l-aktar fiha tbatija, fid-dinja. Meta xi ħadd jagħdab għal xi ħadd ieħor, jidgħilu hekk: "Msiba tuħdak għala Malta", li tfisser: Riħ ħażin jieħdok Malta". Meta xi ħadd imur xi mkien fil-bgħid, igħidu "Fejn! Raħ għala Malta!"

Minn għalihom nies Malta huma ta' qattagħni, u ta' mġieba ħażina. Hekk, meta wieħed iġib ruħu ħażin, tisma' min igħidlu: "Saħiħ inti Malti!" (Saħiħ = tassew).

Għalkemm hemm teftif ieħor x'wieħed igħid, għal issa dan biż-żejjed biex juri li kellna x'naqsmu ma' l-artijiet tal-Għarab wisq iżjed mil-lum. Issa ħaġ'oħra: il-biċċa l-kbira tal-Maltin jafu ftit jew xejn fuq il-Palestina; u hemm ukoll, fil-Palestina, jafu li hawn imkien igħidulu Malta, imma ma jafux jekk inhu art jew jekk inhu belt. Min għalina, imissna nafu ftit iżjed fuq dawk l-artijiet fejn bata u miet għalina l-Mulej, ta' nsara li aħna. Dan għad isir ukoll, k'Alla jrid.

**L. C.**